# Memorji u tifkiriet mill-Festa ta' Tfuliti

Il-Perit Ruben Abela *(President Wirt iż-Żejtun)*

Ħafna minna jibqgħu jiftakru u jgħożżu l-memorji u t-tifkiriet ta' tfulithom b'nostalġija u kultant anke b'ċertu dieqa. Uħud minna jieħdu gost jirrakuntaw xi wħud minn dawn it-tifkiriet ma' ħbiebhom jew il-familjari. Illum li ngħodd aktar min-nofs seklu, xtaqt naqsam magħkom xi memorji u tifkiriet li għad għandi mill-festa ta' tfuliti.

Nibda billi nfakkar li l-festa qabel kienet tkun iċċelebrata dejjem Ħadd qabel Kristu Re fix-xahar ta' Novembru, għaliex din bdiet tiġi ċċelebrata f'Ġunju, kif nafuha llum, mill-1990. Għalhekk iċ-ċelebrazzjonijiet, b'mod speċjali dawk ta' barra, kienu ferm anqas minn dawk li naraw illum. Minkejja dan, il-klima tal-festa xorta kienet tibda tinħass mill-anqas minn xahar qabel, hekk kif sa nofs Ottubru kienu jibdew jintramaw l-antaljoli fiċ-ċentru taż-Żejtun.

Fil-bidu tas-snin sebgħin, niftakar li fl-ewwel jiem ta' Ottubru kien jiġi ċċelebrat Jum iż-Żejtun, minn Wirt iż-Żejtun ta' dak iż-żmien. Dan kien kumitat magħmul minn rappreżentanti tas-soċjetajiet mużikali, mid-Domus u mill-parroċċa. Niftakar li kien jittella' arblu fuq iz-zuntier t'isfel quddiem is-sala parrokkjali u l-Ħadd filgħodu kien isir marċ mill-Boy Scouts u l-Girl Guides u tittella' l-bandiera taż-Żejtun. Darba niftakar ukoll kienu għamlu bħal karru b'replika tal-faċċata ta' Casa Perellos. Kienu wkoll itellgħu wirja matul dik il-ġimgħa fis-Sala Parrokkjali b'xogħlijiet li kienu jagħmlu ż-Żwieten bħala passatemp. Niftakar li darba kont ħadt sehem fiha, naħseb kien l-1976 jew l-1977. Ma niddejjaqx ngħid li kienu dawn it-tifkiriet sbieħ li għaxar snin ilu beda jberren f'moħħi li nerġa' nwaqqaf l-għaqda ta' Wirt iż-Żejtun.

Għalija dawn l-attivitajiet marbuta ma' Jum iż-Żejtun u l-bidu tat-temp xitwi bil-maltempati bix-xita u r-ragħad, kienu s-sinjal li qed toqrob il-festa, li mbagħad l-ispirtu kien ikompli jitqanqal meta kont nara l-ewwel antaljoli ħodor jintramaw fil-jiem ta' wara. Imbagħad kien jiġi l-1 ta' Novembru – Jum il-Qaddisin kollha u l-għada Jum il-Mejtin,

**Ikompli...**

meta ma kienx ikollna skola. Kont immur man-nannu Salvu, missier ommi, narmaw il-fanali tal-landa, fuq il-qabar tal-familja, fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku, u kuljum fil-ġranet ta' wara mmorru nixegħlu x-xemgħa matul ix-xahar kollu. Niftakar li fit-triq kien ikollna waqfa jew għand Barbetta jew l-istitut biex nixtru ftit ostji ġo karta tal-gazzetti u kont niekolhom mat-triq.

Id-dar kont nibda nipprepara l-vara ta' Santa Katarina li kienu xtrawli missieri u ommi mingħand Nenu Disma. Kont nixgħelha bil-lampi żgħar imqabbda ma' transformer. Fuq il-bejt kelli arblu żgħir tal-bandiera, għoxrin pied kollox. Kien tahuli z-ziju Karmnu, proprjament kien iz-ziju tan-nannu Rożu, Carmelo Cassar, magħruf bħala Karmnu tal-Qasam minn ta' Kaxitu. Kien attiv ħafna fil-każin tal-Laċċi u kien idoqq il-vjolinċell. Dan kien wieħed mill-persuni li fi tfuliti rawwimni nħobb iż-Żejtun u dak kollu li huwa Żejtuni. Kien dilettant kbir, u niftakar li kull qasrija li kellu fir-razzett fejn kien joqgħod, kienet jew bis-salib aħdar fuqha jew bl-arma ta' Santa Katarina. Kellu statwa ta' Santa Katarina f'niċċa ġol-bitħa, u f'kull festa, sa ma miet ta' 94 sena fl-1981, kien itella' l-bandiera fuq ir-razzett li kellu. Għalkemm ommi kienet ħititli xi bnadar, ma kellix waħda ta' Santa Katarina, sakemm darba sar jaf Dun Karm Galea u kien qalli "Ħalli f'idi, sa festa oħra jkollok bandiera ta' Santa Katarina". Tgħidx kemm ħadt gost meta ftit wara ġabhieli. Maż-żmien, minn arblu ta' għoxrin pied kabbart għal wieħed ta' tletin u aktar tard għal wieħed ta' erbgħin.

Il-ġimgħa tal-festa kienet tibda bil-ħruġ min-niċċa. Ma kienx isir marċ dakinhar, iżda mal-ħdax ta' filgħodu r-raħal kollu kien jitla' l-pjazza biex isellem lill-vara ħierġa. Niftakar li sakemm kien isir il-ħin biex toħroġ, minn fuq il-kampnari u minn fuq iċ-ċinta kienu jitwaddbu l-paraxuwts, mingħalija kienu jkunu b'xi ħelu marbut magħhom. Hekk kif toħroġ il-vara, xita ta' karti kienet timla z-zuntier, fost daqq ta' qniepen u ċapċip. Kollox kien jerġa' jorqod it-Tnejn u t-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa għaliex ma kien isir xejn, lanqas bnadar ma konna ntellgħu. L-Erbgħa, l-ewwel jum tat-tridu, għalhekk konna ntellgħu l-bandiera. Niftakarhom jgħidu li l-bandiera kienu jtellgħuha mat-tokki ta' nofsinhar u mhux minn filgħodu. Jien, peress li kont

**Ikompli...**

inkun l-iskola, dejjem filgħodu qabel nitlaq kont intellagħha. Filgħaxija kont immur il-knisja. Kienet tkun imballata bin-nies u kulħadd kien jistenna ħerqan il-predikatur biex jinseġ il-priedka, maqsuma fuq tlett ijiem, minn fuq il-pulptu. Wara li jispiċċa t-tridu, kemm l-Erbgħa kif ukoll il-Ħamis, kulħadd imur jinġabar id-dar. Il-Ġimgħa, l-aħħar tat-tridu, il-knisja kienet tkun armata kollha, l-arja ta' festa kienet tinħass sew minkejja it-temp ħażin li spiss kien jolqotna matul il-ġimgħa tal-festa.

It-triqat, għalkemm armati bid-dawl, ma kinux jinxtegħlu qabel il-Ġimgħa filgħaxija, fl-aħħar jum tat-tridu. L-armar tad-drapp u l-istatwi fuq il-kolonni kienu jintramaw kollha s-Sibt filgħodu. Kien fl-aħħar jum tat-tridu li l-ewwel darba kienet tinstema l-banda. Niftakar il-pilandri wara l-knisja kienu jiżżejnu bil-palm, kif ukoll sett trofej bil-bnadar mal-antaljoli li kienu jieqfu sal-bidu ta' Triq Santa Monika. Il-kumplament ta' Triq San Girgor għera minn kull tiżjin, kif kienu l-kumplament tat-toroq taż-Żejtun, għajr għat-triqat minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni u Triq Santa Katarina. F'din it-triq u fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, it-triq tal-Għassa, kienu jintramaw pavaljuni tal-kartun kbar, u fi Triq Santu Wistin, fi triq sħiħa kienu jintramaw mhux aktar minn erba' pavaljuni tad-drapp aħmar mitfi b'kitba ta' xi sunetti jew salmi fuqhom.

Bħala nar, l-aktar li niftakar huwa l-ħruq tan-nar tal-art wara l-knisja. Niftakar ta' tifel żgħir li kont kienet il-mument mill-festa kollha li l-aktar kont niddejjaq u nibża'. Filwaqt li kont nieħu gost nara l-funtani tan-nar u l-irdieden iduru, il-bomba li kien ikollhom fl-aħħar kienet taqtagħni u tbeżżagħni ħafna. Niftakar nidħol nistaħba wara missieri jew ommi. Kollox kien jintemm bil-ħruq tal-kaxxa nfernali tal-kulur, li ma nafx minn fejn kienet tinħaraq, pero' b'xi mod niftakarni naraha minn wara l-knisja. Kienet għadha ma bdietx tinħaraq minn fuq il-bejt tas-sala, dak kont ilħaqt kbirt u niftakarha sewwa.

Nhar il-festa kien ikun hawn il-marċi. Dak tas-siegħa konna noħorġu narawh wara li nieklu għand in-nannu fit-Triq il-Ġdida. Filgħaxija kont inżanżan xi lbies ġdid u għand in-nannu kienu jiġu z-zijiet kollha, ħut ommi, u xi mistednin oħra. Niftakar id-dar armata bil-purtieri tad-damask u tal-bellus u kemm is-salott kif ukoll il-kamra tal-pranzu, armati

**Ikompli...**

b'tapit kbir. Kollox miftuħ, bil-persjani u l-bieb ta' barra fuq l-antiporta. Mhux id-dar tan-nannu biss, iżda d-djar kważi kollha, jekk mhux kollha, fiċ-ċentru kienu jkunu hekk. Meta tasal biex tidħol il-purċissjoni kulħadd għall-pjazza, ħafna drabi f'kesħa xxoqq l-għadam, sakemm il-vara ma kinitx tidħol b'ġirja minħabba xi ħalba xita li kienet tkun fil-qrib.

L-għada tal-festa kont infalli l-iskola biex imorru għax-xalata. Konna nżejnu l-karozzi u mmorru r-razza u radikla kollha, zijiet u kuġini, saħansitra anke n-nannu Rożu kien jiġi magħna. Erħilna lejn l-Armier, dejjem f'xita mdendla jew kultant tqattar xi ftit. F'nofsinhar konna nidħlu ġo remissa li kien hemm ma' ħanut tax-xorb, kulħadd joħroġ l-ikel, aktarx dak li jkun fadal mill-ikla tal-festa, u niċċenaw flimkien. Ta' tfal li konna, aktar kien ikun ħsiebna biex noħorġu nilagħbu bil-ballun milli biex nieklu. Niftakar l-Armier kien ikun mimli Żwieten dakinhar. Wara l-ikel konna nippakkjaw kollox, aktarx għaliex it-temp jiħżien, iżda ma nlebbtux lejn id-dar – ix-xalata għadha ma spiċċatx. Minn hemm erħilna f'serbut karozzi għal taħt it-tinda tal-Buskett u nagħmlu hemm sa xi l-erbgħa. Dan kien ir-ritwal ta' kull sena l-għada tal-festa.
Għalkemm illum iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa esterna nbidlu mhux ftit, ċertu użanzi li kellna meta kont żgħir b'xi mod baqgħu jinżammu, għalkemm bosta oħra għosfru għal kollox u baqgħu biss tifkiriet, forsi mhux tiegħi biss, iżda tiegħek ukoll li ħadt il-ħin taqra din il-kitba.

